Draft

**A.L. ________ tal-2020**

**ATT DWAR IL-PROVVISTI U S-SERVIZZI (KAP. 117)**

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)**

**Regolamenti tal-2020 dwar Restrizzjonijiet fuq it-Tqegħid fis-Suq ta' Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 tal-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi, u l-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u n-Negozji ż-Żgħar u l-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal- 2020 dwar Restrizzjonijiet fuq it-Tqegħid fis-Suq ta' Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss. Titolu.

**2.** (1) Dawn ir-regolamenti jġibu fis-seħħ l-Artikolu 5 u l-Artikoli 6(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent. Għan.

(2) L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi u d-Dipartiment tad-Dwana għandhom jikkollaboraw u jikkooperaw fl-infurzar ta' dawn ir-regolamenti.

Tifsir.

**3.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"id-disponibilità fis-suq" tfisser kwalunkwe forniment ta' prodott għal distribuzzjoni, konsum jew użu fis-suq ta' Malta tul attività kummerċjali, kemm jekk isir bi ħlas kif ukoll jekk ikun mingħajr ħlas;

L.S. 549. 43.

"ippakkjar" tfisser ippakkjar kif mfisser fir-regolament 3(1) tar-Regolamenti dwar l-ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart;

"plastik" tfisser materjal magħmul minn polimeru kif definit fil-punt 5 tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, li jaf ikollu addittivi jew sustanzi oħra miżjuda, u li jista' jiffunzjona bħala komponent strutturali prinċipali tal-prodotti finali, bl-eċċezzjoni tal-polimeri naturali li ma ġewx modifikati kimikament;

"plastik ossodegradabbli" tfisser materjali tal-plastik li jinkludu addittivi li, permezz ta' ossidazzjoni, iwasslu għall frammentazzjoni tal-materjal tal-plastik f'mikroframmenti jew għal dekompożizzjoni kimika;

"prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott li huwa magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik u li mhuwiex maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex iwettaq, għat-tul tal-ħajja tiegħu, vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli billi jiġi rritornat għand produttur biex jerġa' jimtela jew biex jerġa' jintuża għall-istess skop li għalih kien maħsub;

"tqegħid fis-suq" tfisser id-disponibilità fis-suq f'Malta, għall-ewwel darba, ta' prodott.

Projbizzjoni ta' tqegħid fis-suq.

**4.** (1) Mill-1 ta' Jannar, 2021, it-tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fit-Taqsima A tal-Iskeda u ta' prodotti magħmula mill-plastik ossodegradabbli, għandhom jiġu pprojbiti.

(2) Mit-3 ta' Lulju, 2024, it-tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fit-Taqsima B tal-Iskeda li għandhom tappijiet u għotjien magħmula mill-plastik, għandhom jiġu pprojbiti:

Iżda prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fit-Taqsima B tal-Iskeda jistgħu jkunu eżentati minn din il-projbizzjoni

Draft

biss jekk il-tappijiet u l-għotjien jibqgħu mwaħħla mal-kontenituri matul l-istadju tal-użu intenzjonat tal-prodotti:

Iżda wkoll għall-finijiet ta' dan is-subregolament, it-tappijiet jew l-għotjien tal-metall b'siġilli tal-plastik ma għandhomx jitqiesu li huma magħmula mill-plastik.

**5.** (1) Kull persuna li tikser jew tonqos milli tikkonforma mal-projbizzjonijiet taħt ir-regolament 4 għandha, meta tinstab ħatja, tkun ħatja ta' reat taħt dawn ir-regolamenti. Reati u pieni.

(2) Kull persuna li twettaq jew tipprova twettaq reat kontra dawn ir-regolamenti għandha, meta tinsab ħatja, tkun responsabbli:

(a) meta tinsab ħatja l-ewwel darba, multa li ma taqbiżx elf u ħames mitt euro (€1,500);

(b) meta tinsab ħatja t-tieni darba jew wara, multa li ma taqbiżx elfejn u ħames mitt euro (€2,500):

Iżda l-qorti għanda tordna li kull persuna li tkun instabet ħatja li wettqet reat kontra dawn ir-regolamenti sabiex tħallas għall-ispejjeż magħmula minn xi waħda mill-awtoritajiet kompetenti bħala riżultat tal-imsemmi reat u barra minn hekk tordna l-konfiska tal-prodotti li għalihom ir-reat għandu x'jaqsam, anki jekk is-sid ma jistax ikun parti mil-proċeduri.

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 23 u 30(1) tal-Kodiċi Kriminali għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal proċedimenti fir-rigward ta' reati kontra dawn ir-regolamenti. Kap. 9.

Draft

SKEDA
(regolament 4)

Prodotti tal-Plastik ta' li Jintużaw Darba Biss Koperti mill-Projbizzjoni ta' Tqegħid fis-Suq

Taqsima A

(a) Stikek tal-*cotton buds*, ħlief jekk dawn jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 90/385/KEE jew id-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE;

(b) Pożati (frieket, skieken, imgħaref, chopsticks);

(ċ) Platti;

(d) *Straws*, ħlief jekk dawn jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 90/385/KEE jew id-Direttiva 93/42/KEE;

(e) Ħawwada tax-xorb;

(f) Stikek li jitwaħħlu mal-bżieżaq u li jżommuhom, ħlief il-bżieżaq għall-użi u għall-applikazzjonijiet industrijali jew professjonali oħrajn li mhumiex distribwiti lill-konsumaturi, inklużi l-mekkaniżmi tat-tali stikek;

(g) Kontenituri tal-ikel magħmula minn polistiren espandut, jiġifieri reċipjenti bħal kaxex, b'għatu jew mingħajr, użati biex ikollhom kontenut ta' ikel fihom li:

- jkun maħsub għal konsum immedjat jew fuq il-post jew bħala 'take-away',

- tipikament jiġi kkunsmat mill-kontenitur, u

- huwa lest biex jiġi kkunsmat mingħajr l-ebda tħejjija oħra, bħal tisjir, togħlija jew tisħin,

inklużi kontenituri tal-ikel użati għal ikel ta' malajr (*fast food*) jew ikliet oħra lesti għal konsum immedjat, minbarra kontenituri tax-xorb, platti u pakketti u tgeżwir li fihom l-ikel;

(h) Kontenituri tax-xorb magħmula minn polistiren espandut, inklużi t-tappijiet u l-għotjien tagħhom;

(i) Tazez għax-xorb magħmula minn polistiren espandut, inklużi l-għotjien tagħhom.

Draft

Taqsima B

Kontenituri tax-xorb b'kapaċità sa tlett litri, jiġifieri reċipjenti użati biex ikollhom kontenut ta' likwidu fihom, bħal fliexken tax-xorb inklużi t-tappijiet u l-għotjien tagħhom, u l-ippakkjar tax-xorb imħallat inklużi t-tappijiet u l-għotjien tiegħu, iżda mhux:

- kontenituri tax-xorb tal-ħġieġ jew tal-metall li jkollhom it-tappijiet u l-għotjien magħmula mill-plastik,

- kontenituri tax-xorb maħsuba u użati għal ikel għal skopijiet mediċi speċjali kif definit fil-punt (g) tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (3) li jkun f'forma likwida.

Draft